# Dwar il-**KODIĊI TA' PRATTIKA** tal-**SBS**

L-SBS huwa servizz nazzjonali indipendenti tat-televixin, radju u midja diġitali għall-pubbliku, b'responsabilitajiet għall-komunità Awstraljana kif issettjati **miċ-Ċarter tagħna**. Il-fondi tagħna jingħataw mill-gvern Awstraljan u mid-dħul kummerċjali bħal m'hu reklamar.



Fuq in-network kollu tagħna aħna nwasslu stejjer distinti Awstraljani, aħbarijiet u ġrajjiet kurrenti lokali u internazzjonali, sport, drama internazzjonali u dokumentarji, ikel u films, u servizzi tar-radju lokali f'aktar minn 60 lingwa. Aħna wkoll in-network tal-istejjer irrakkuntati mill-Ewwel Nazzjonijiet, b'Televxin Indiġenu Nazzjonali (NITV) li jipprovdi programmi mil-lenti Indiġenu.

Biex niżguraw li l-kontenut tagħna jissodisfa dak li tistenna l-komunità, għandna l-Kodiċi ta' Prattika tal-SBS, li jissettjaw ir-regoli u l-istandards għall-kontenut kollu tal-SBS, irrespettivament minn fejn ikollok aċċess għalih – fuq it-televixin, radju, onlajn, jew il-midja soċjali.

### Il-Kodiċi ta' Prattika jkopru materji importanti bħal...

## FIDUĊJA

### Kif nipprovdu kontenut ta' min joqgħod fuqu u relevanti

- Aħna nagħmlu deċiżjonijiet indipendenti dwar il-kontenut tagħna.
- Il-kontenut tal-aħbarijiet u affarijiet kurrenti tagħna huwa korrett, ibbilanċjat u imparzjali, u fl-interess tal-pubbliku.
- Aħna nħaddnu varjetà komprensiva ta' ideat u perspettivi – il-kontenut tagħna jista' jkun innovattiv u ta' sfida, kif ukoll kemm kontroversjali u provokattiv.

## TRASPARENZA

### Kif ngħinu fil-gwida tal-kontenut li tagħżel

- Aħna nipprovdu informazzjoni biex inti tkun tista' tagħżel il-kontenut li huwa tajjeb għalik, u kwalunkwe tfal u żgħażagħ li tieħu ħsieb.
- Aħna niżguraw li r-reklamar ikun distint mill-kontenut tagħna u nissettjaw regoli dwar fejn inpoġġu ċerti tipi ta' reklamar.
- Għal kontenut li potenzjalment jista' jkun ta' niket u ansjetà, nikkunsidraw l-udjenza potenzjali, neżerċitaw sensittività, nipprovdu twissijiet fejn jixraq, u nuru dak il-materjal jekk editorjalment ikun relevanti.

## RISPETT

### Kif nipprattikaw u nippromwovu rispett

- Aħna nevitaw kontenut li jippromwovi preġudizzju u diskriminazzjoni, inkluż l-użu bla ġustifikazzjoni ta' sterjotipi, waqt li nikkunsidraw il-kuntest tas-suġġett.
- Aħna nipprovdu kontenut f'lingwi oħra minbarra l-Ingliż u ninkoraġġixxu l-espressjoni ta' varjetà kbira ta' ideat.
- Aħna sensittivi għall-preżentazzjoni ta' kwistjonijiet Indiġeni u nosservaw il-protokolli kulturali tal-popli Aboriġini u Torres Strait Islander.
- Aħna nirrispettaw il-privatezza tan-nies, li nibbilanċjaw mar-responsabilitajiet tar-rappurtaġġ tagħna.

## RESPONSABILITÀ

### Kif aħna responsabbli

- Aħna nipprovdulek modi kif tagħti l-opinjoni tiegħek dwar il-kontenut u s-servizzi tagħna, kemm jekk kumplimentari jew anke ta' kritika.
- Għandna proċess indipendenti għall-ilmenti skont il-Kodiċi ta' Prattika, li jkunu investigati mill-Ombudsman tal-SBS.




**Aktar informazzjoni**
sbs.com.au/aboutus/sbs-code-of-practice